MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 305/2013

**Mobisle Communication Limited**
**C 24655**
**Vs**
**Agius Rainier**
**ID 562082M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Mejju, 2013 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u erbghin ewro u disgha centezmi (€840.09) liema ammont huwa n konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 51069690* moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-8 ta' Jannar, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u erbghin ewro u disgha centezmi (€840.09)bl-imghaxijiet legali sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------